MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 257/2012

**Mobisle Communications Limited
C-24655**

**vs**

**Ellul Nicholas
ID-76756(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmienja u tmenin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,088.51c), in konnessjoni ma' 79205723 (AC50145908), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Settembru 2009.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti li gew mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn “Dok. A” sa “Dok. E”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni li giet ipprezentata mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2012, u li permezz taghha t-talba giet ridotta ghall-ammont ta’ mitejn tmienja u tmenin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€288.51c).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn tmienja u tmenin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€288.51c), bl-imghax kif mitluba.
L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------